**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 145/2016 CFF**

**Christopher Abela**

**Vs**

**Charlie Auto Dealer Limited**

**Illum 18 t'April, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Christopher Abela fejn espona:

1. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Gunju 2016 ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Charlie Auto Dealer Limited v. Christopher Abela (kopja ta' liema hija hawn annessa bhala Dok A), l-intimat interpella lill-esponenti sabiex ihallsu s-somma ta' €6,958.82 rapprezentanti skond l-intimati l-import ta' kambjali markati minn numru 50 sa 72. (annessi ma l-istess ittra bhala Dok CS 1 sa CS 23);
2. Illi l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali fl-10 ta' Gunju, 2016;
3. Illi l-ittra ufficjali saret taht l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi l-esponenti qed jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jopponi l-esekuzzjoni tal-kambjali skond id-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 253 tal-Kap 12, u dan

qed isir quddiem din l-Onorabbli Qorti bhala dik il-Qorti kompetenti skond il-valur ta' l-ammont pretiz u dan ghar-ragunijiet gravi u validi hawn taht imsemmija;

5. Illi l-esponenti kien fis-sena 2007, akkwista vettura minghand is-socjeta' intimata versu l-prezz pattwit ta' €22, 645, li minnhom l-esponenti hallas l-ammont ta' €20,876 u li ghalhekk fadal bilanc ta' €1,769;
6. Illi kull meta l-esponenti kien jeffetwa pagament, rapprezentant tas-socjeta' intimata kien jiffirma li qieghed jircievi l-hlas, bl-ahhar pagament li sar fl-10 ta' Mejju, 2016 (Vide Dok. B hawn anness);
7. Illi gara li ftit jiem qabel li s-socjeta' intimata prezentat l-ittra ufficjali in kwistjoni, l-esponenti tharres mill-mara ta' Carmelo Sammut sabiex jaghti x-xhieda tieghu fil-proceduri ta' separazzjoni li prezentement tinsab pendenti bejn il-konjugi Sammut. Illi qabel ma xehed l-esponenti, Carmelo Sammut cempel lill-esponenti diversi drabi sabiex ma jitlax jixhed u sahansitra qallu li s-seduta ta' dak inhar kienet thassret meta fil-fatt dan ma kienx minnu l-ghaliex is-seduta fil-verita' qatt ma thassret u fil-fatt is-seduta inzammet u l-esponenti ta x-xhieda tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarja Dr. Anna Mallia;
8. Illi wara li l-esponenti xehed, Carmelo Sammut kien cempel lill-esponenti u qallu li issa kien ser ipattihielu talli kien xehed;
9. Illi huwa car li l-ammont pretiz mis-socjeta' intimata ma huwiex kollu dovut u li l-bilanc dovut huwa biss ta' €1,769;
10. Illi s-socjeta' intimata qed tabbuza mis-sistema legali u iktar minn hekk qed tizgwida lil din l-Onorabbli Qorti u apparti minn hekk Carmelo Sammut halef il-falz meta halef li ghandu kreditu ta' €6,958.82.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tissospendi l-esekuzzjoni tad-dokumenti annessi mal-imsemmija ittra ufficjali.

Bl-ispejjez.

Rat **ir-risposta ta' Charlie Autodealer Ltd** fejn espona:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kambjali mahruga mis-socjeta' intimata mit-13 ta' Mejju, 2007 huma validi skond il-ligi stante li l-firma fuq dik il-kambjali hija tar-rikorrenti Christopher Abela u m'hemmx ragunijiet ohra gravi u validi biex jopponi l-esekuzzjoni ta' dawk il-kambjali.
2. Illi r-rikorrenti Christopher Abela l-ewwel iffirma l-kambjali b'mod differenti minn dik indikata fuq il-karta tal-identita' tieghu u l-intimat Carmelo Sammut ghan-nom ta' Charlie Autodealer Ltd insista li jerga' jiffirma l-kambjali dak il-hin stess li hargu dawk l-istess kambjali bl-istess firma li huwa kellu fuq il-karta tal-identita' li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument CAD1.
3. Illi l-hsieb qarrieq tar-rikorrent kien prezenti f'mohhu mill-bidu li huwa akkwista l-vettura in kwistjoni billi ffirma b'mod differenti minn dak li solitament kien jiffirma.
4. Illi l-kambjali huma ta' natura kummercjali u ghalhekk l-imghaxijiet bit-8% huma esegwibbli a tenur tal-ligi.
5. Illi effettivament l-imghaxijiet gew ikkalkulati fuq il-kambjali mahruga pero' kif jirrizulta mill-payment schedule esebit mill-istess rikorrenti, huwa ma hallasx il-kambjalijiet a tenur tal-istess payment schedule u ghalhekk l-imghaxijiet bit-8% kellhom jigu rikalkulati skond l-istess payment schedule kif jirrizulta mid-dokument B fil-process.
6. Illi mhux minnu illi r-rikorrent ghandu jhallas biss il-bilanc ta' €1,769 ghax b'hekk l-imghaxijiet minhabba n-nuqqas ta' pagament tieghu tul iz-zmien kif jirrizulta mill-istess payment schedule ma jigux kalkulati.
7. Illi effettivament, il-kambjalijiet li l-esponenti ghandu f'idejh huwa l-bilanc ta' l-ammont li huwa dovut mill-istess rikorrenti.
8. Illi l-kambjalijiet li r-rikorrenti qata' huwa sa numru 49 u ghad hemm pendenti l-kambjalijiet minn numru 50 sa numru 72.
9. Illi l-karozza li r-rikorrenti akkwista suppost il-kambjalijiet taghha kellhom jithallsu kif jirrizulta mill-istess payment schedule sat-13 ta' Mejju 2013 u effettivament qieghed b'lura mit-13 ta' Gunju, 2011.

10. Illi l-kawza odjerna kellha ssir stante li r-rikorrenti ma riedx jiffirma kambjalijiet godda ghal bilanc dovut minhabba l-iskadenza ta' hames snin mill-kambjala dovuta u ghalhekk ghall-esegwibilita' ta' l-istess kambjali kellha tigi pprezentata l-ittra ufficjali esekuttiva.
11. Illi mhux minnu illi Carmelo Sammut cempel lill-esponenti biex ma jitlax il-Qorti imma kien l-istess rikorrent li cempel lil Carmelo Sammut u nfurmah bit-tahrika li mart l-intimat harget in konfront tar-rikorrenti. Illi meta qallu b'dan, Carmelo Sammut infurmah illi s-seduta ma kienitx ser issir fil-15 t'April, 2016 imma fil-25 t'April, 2016 fil-11:00 a.m. kif kien gie nfurmat mill-Assistenta Gudizzjarja Dottor Anna Mallia u dan skond zewg emails tal-14 ta' Marzu, 2016 u 14 ta' April, 2016 hawn annessi u mmarkati dokumenti CAD 2 u CAD 3.
12. Illi l-intimat jichad illi huwa qal lir-rikorrenti li ser ippattihielu talli kien xehed. Illi din hija falsita' li qed tigi michuda kategorikament.
13. Illi r-rikorrenti mill-bidu wera l-intenzjoni qarrieqa tieghu li ma jhallasx dejnu billi ffirma differenti mill-firma tal-karta tal-identita'.
14. Illi l-ammont ta' €6,958.82c huwa dovut skond il-kambjali annessi mal-ittra ufficjhali esekuttiva CS1 sa CS23.

Ikkunsidrat:

Christopher Abela fl-affidavit tieghu jghid illi fl-2007 kien xtara vettura ta' l-ghamla Toyota Celica minghand Charlie Autodealer Limited ghall-prezz ta' Lm8,200. Dak inhar li xtara din il-vettura, ta l-vettura l-antika tieghu u cioe' Audi 80 lil Charlie Autodealer Limited akkont tal-prezz tal-vettura l-gdida. Din l-Audi 80 kienet tiswa Lm400. Huwa jghid li dak inhar li xtara l-vettura Toyota Celica, huwa ta lil Charlie Auto Dealer is-somma komplessiva ta' Lm1,600 u allura l-bilanc li kien fadal fuq il-karozza kien ta' Lm6,600. Kien gie miftiehem bejnu u bejn Carmelo Sammut li se jkun hemm tlieta u sebghin kambjala (73) liema minnhom tnejn u sebghin (72) kienu se jkun fl-ammont ta' Lm135 u l-ahhar kambjala kienet se tkun ta' Lm1.70. Spjega wkoll li fis-sena 2008 in-negozzju tieghu kien sejjer hazin u ma setax ilahhaq mal-pagamenti tal-karozza. Ghal dan il-ghan, huwa kien kellem lil Carmelo Sammut

u spjega s-sitwazzjoni tieghu u kkonkludew li ghandu jhallas meta jiflah. F'din il-konkluzjoni ma giex diskuss interessi addizzjonali fuq il-kambjali. Fil-fatt, in-negozzju ta' Christopher Abela beda jirkupra u ghalhekk kien anke jaghmel zewg pagamenti fix-xahar u daqqa kien jigi Carmelo Sammut u daqqa kien jigi l-lavrant tieghu ghal dawn il-pagamenti. Ghal habta ta' April jew Mejju tas-sena 2016 Christopher Abela rcieva tahrika sabiex jixhed fil-kawza ta' separazzjoni ta' Carmelo Sammut u martu u meta cempel lil Carmelo Sammut biex isaqsih dwar din it-tahrika, Carmelo Sammut qallu biex ma jitlax jixhed, izda fuq parir legali tal-Avukat ta' Christopher Abela, dan inghata l-parir li kellu jitla' jixhed u jghid il-verita' kollha. Erbat ijiem qabel is-seduta tas-separazzjoni, Carmelo Sammut mar ghand Christopher Abela sabiex jigbor pagament, u dan ta' l-ahhar infurmah li se jitla' jixhed u se jghid il-verita. Ir-risposta ta' Carmelo Sammut kienet sabiex Christopher Abela jixhed il-falz u jghid li ma kellux djun la mieghu u lanqas mal-kumpanija tieghu. Fil-15 t'April, 2016 fis-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju, Christopher Abela xehed il-verita' u meta fl-10 ta' Mejju, 2016 Carmelo Sammut rega' mar ghand Christopher Abela sabiex jigbor pagament, Christopher Abela spjegalu li ma setax jigdeb taht gurament, u kien dak il-hin li Carmelo Sammut beda jghajjat mieghu fil-hanut tieghu stess. Fl-10 ta' Gunju, 2016 Christopher Abela rcieva ittra ufficjali minghand Charlie Autodealer sabiex jigu rezi ezekuttivi l-kambjali. Christopher Abela jispjega illi t-total tal-kambjali kienu ekwivalenti ghal €22,645.46 u matul is-snin huwa hallas €20,876. Apparti minn hekk huwa kien hallas €931.75 tal-Audi 80 u €2,795.25 apparti. Jigifieri huwa b'kollox hallas l-ammont ta' €24,603 li ghalhekk ifisser li huwa hallas l-ammont ta' €1,957.54 zejda. Christopher Abela jghid li meta ffirma l-kambjali, iffirma b'zewg modi u cioe' firma qasira u firma twila. Bl-ebda mod ma ried jinganna lil hadd.

David Smith jixhed li ghal habta tas-sena 2008 kien ha lil Christopher Abela ghand Charlie Auto Dealer biex jara xi karozzi fejn kienet ghogbitu l-karozza Toyota Celica li kienet tiswa Lm8,200 u meta fil-fatt mar biex jigbor din il-vettura, kien hallas Lm1,200 apparti Lm400 tat-tpartit tal-Audi tieghu, lis-sur Carmelo Sammut. Jikkonferma li dawn il-flus u cioe' Lm1,200 u Lm400 kellhom jitnaqqsu mill-prezz

originali ta' Lm8,200 u dak inhar li gew iffirmati l-kambjali, ma sar l-ebda diskors rigward interessi. Meta gie mistoqsi in kontro-ezami u gie muri l-kuntratt li gie ffirmat bejn Christopher Abela u Carmelo Sammut, ikkonferma li l-prezz tal-vettura ma kienx Lm8,200 izda Lm8,800, izda hu ma jiftakarx li dik kienet is-somma miftehma.

Christopher Abela in kontro-ezami qal li l-karta tal-identita' li gie muri, m'huwiex cert jekk hiex tieghu jew jekk hiex falza. Huwa kompla billi kkonferma li minn fol 4 sa fol 12 tal-process, gharaf il-firem tieghu fuq il-kambjali.

Carmelo Sammut fix-xhieda tieghu jikkonferma li l-ittra ufficjali a fol 3 tal-process u d-dokumenti annessi ghamilhom hu. Jikkonferma wkoll li l-firem fuq il-kambjali huma tieghu u ta' Christopher Abela. Izid jghid illi wara li Christopher Abela ffirma l-kambjali, Carmelo Sammut induna li l-firem tieghu kienu differenti mill-firma fuq il-karta tal-identita' u gieghlu jerga' jiffirma bhal karta tal-identita' tieghu. Carmelo Sammut jghid li Christopher Abela minn dejjem ma kienx jonora l-pagamenti kollha li kellu mieghu u fil-fatt meta kien icempillu biex ifakkru rigward il-pagamenti, kienu anke jghidlu bl-imghaxiiet li telghin. Originarjament, l-interessi kienu jigu kkalkulati bl-8.5% u dan skont kif hemm fil-kuntratt.

Carmelo Sammut rega' xehed fil-31 ta' Jannar, 2017 fejn qal illi l-vettura Toyota Celica kienet tiswa Lm8,800 u Christopher Abela b'kollox kien hallas Lm1,500 u ghalhekk il-bilanc dovut kien ta' Lm7,300 li meta jinqelbu f'Euros, jammontaw ghal €17,124. Jikkonferma wkoll li fil-mori tal-kawza pprezenta nota ta' riduzzjoni fejn qed jiddikjara li l-bilanc dovut huwa ta' €6000. Meta gie mistoqsi minn Dr. Kris Busietta, Carmelo Sammut jghid li apparti l-bilanc ta' €17,124 kien hemm anke l-administration fees li kellhom jithallsu, liema administration fees kienu mnizzlin fil-kuntratt li dawn kienu jammontaw ghal €500. Il-pagamenti tal-kambjali kienu Lm135 kull 13 tax-xahar inkluzi l-imghaxijiet.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ezebita a fol 59 tal-process li permezz taghha s-socjeta' intimata rriduciet it-talba taghha skond kif indikat fl-ittra ufficcjali 1464/2016 ghal sitt elef hamsa u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6085.25) u cioe' l-figura l-gdida tirrifletti l-imghaxijiet ikkalkulati bir-rata ta' tmiena fil-mija (8%) u mhux bir-rata ta' tmienja punt hamsa fil-mija (8.5%) kif kien qieghed jigi kalkulat qabel.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti qieghed jargumenta li l-firma li hemm a fol 43, 44 u 45 tal-process ma hix il-firma tieghu, li huma l-ftehim li permezz tieghu xtara l-karozza minghand is-socjeta' intimata. Huwa jiddikara li ma jagharafx lanqas il-firma prezentata fuq kopja tal-karta ta' l-identita' tieghu prezentata mis-socjeta' intimata a fol 51 u 52 tal-process, pero' jikkonferma li l-firma a fol 4 sa 12 tal-process li huma kopja tal-kambjali *de quo* hija tieghu.

Huwa qieghed jargumenta wkoll li huwa hallas lis-socjeta' intimata ammont zejjed ta' elf disa' mija sebgha u hamsin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€1,957.54).

Madanakollu mill-provi prodotti r-rikorrenti ma rnexxielux jipprova li huwa effettivament hallas izjed minn kemm kien dovut ihallas u lanqas ma rnexxielu jipprova li l-firma li hemm fuq il-ftehim indikat bejn il-partijiet ma hix il-firma tieghu.

Min-naha tieghu Carmelo Sammut ghas-socjeta' intimata kien car hafna fl-ispjega tieghu quddiem din il-Qorti dwar x'kien hallas ir-rikorrenti u x'kien ghad baqghalu jhallas, skond il-kambjali pprezentati bir-rata kif mahduma mill-bidu bit-8% li huwa imghax legali u accettat skond l-Artikolu 1852(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ma tarax li skond l-Artikolu 253(e) r-rikorrenti ghandu raguni valida ghaliex din il-Qorti ghandha tordna li t-titolu ezekuttiv li ottjeniet is-socjeta' intimata u cioe' l-ittra ufficcjali 1464/2016 datata 8 ta' Gunju 2016, ma tigix reza ezekuttiva. Dan peress li r-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova konkreta sabiex

jikkonvinci lill-Qorti li hemm xi zball fil-hrug ta' l-istess kambjali minhabba l-firma fuq dawk il-kambjali jew inkella xi raguni ohra gravi u valida sabiex tissussiti s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni taghhom.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qeghda tichad it-talba kif dedotta mill-istess rikors tar-rikorrenti, u tiddikjara li s-socjeta' intimata ghandha t-titolu ezekuttiv li ottjeniet permezz ta' l-ittra ufficcjali numru 1464/2016 datata 8 ta' Gunju 2016 sa l-ammont bilancjali li ma jeccedix il-valur ta' sitt elef hamsa u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6085.25)[1].

L-ispejjez ta' dan ir-rikors ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrenti Christopher Abela.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**

[1] Skond kif mahdum fil-prospett ipprezentat mill-istess socjeta' intimata a fol 60 sa 62 tal-process.